# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta 5 ta' Mejju, 2022

Il-Pulizija

(Superintendent Maurice Curmi)

Vs

Nyamuke k/a Jacob Artimas

Il-Qorti;

Rat li Nyamuke k/a Jacob Artimas ta' 30 sena, bnin Artimas u Tamar imwieled Nigerja fil-21 ta Dicembru 1985 u joqghod Pinto Flats, flat 5 Triq Emanuel Pinto, St Paul's Bay detentur ta Karta tal-identita' numru 68626(A) akkuzat talli ;

1) F'Marzu 2015 u fil-gimghat ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki

foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kreditu immaginarju jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar grajjiet kimerika, ghamilt qligh li ma aktar minn hames mitt ewro (ewro 500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (ewro 500) ghad dannu ta ' Abdul k/a Richard Abdurahamane ID 81027(A) ai termini tal- artikoli 308,309 u 310 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2) Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet f'data jew ikkunsinjata lilek taht titolu ill jgieb mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' is-somma ta' aktar minn hames mitt ewro ( ewro 500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro ( ewro 5000) ghad-dannu ta' Abdul k/a Richard Abdurahamane ID 81027(A) ai termini tal-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti skont l-artikoli 532A, 523 B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Illi fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2022 il-Qorti ghalqet il-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezibiti

**Ikkunsidrat**

Illi sal-5 ta' Mejju 2022 l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda provi nonostante li dawn il-proceduri jmorru lura ghall- 2015 u per

konsegwenza fil-5 ta’ Mejju 2022 ghalqet il-provi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lil Nyamuke k/a Jacob Artimas hati ta’ l-ebda wahda mill-imputazzjonijet u qieghda konsegwentement tilliberah minn kull htija.

Dr. Yana Micallef Stafrace

Magistrat

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur